MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 629/2002/1

**Rudolphe Gaerty**

***v.***

**Paul Caruana**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija fl-10 ta' Jannar 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li ċaħdet talba tiegħu biex jitħassar kuntratt minħabba inadempiment tal-konvenut għax kienet tal-fehma illi l-obbligazzjoni li l-konvenut naqas milli jwettaq kienet "sekondarja" u r-rexissjoni tal-kuntratt għalhekk ma tkunx rimedju proporzjonat.

1. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża, safejn relevanti għall-appell, huma dawn: il-konvenut kien imexxi n-negozju f'Malta ta' soċjetà barranija; ta' dan kien jitħallas permezz ta' *commissions*. L-attività ewlenija f'Malta kienet issir fuq it-*telephone* minn impjegati magħrufa bħala *account executives* u xogħol il-konvenut kien illi jipprovdi l-infrastruttura – *database* ta' kuntatti, uffiċċju u linji telefoniċi – sabiex tkun tista' ssir din l-attività. Il-linji telefoniċi, għalkemm miżmuma fl-interess tas-soċjetà, kienu fuq isem il-konvenut u l-kontijiet kienu wkoll jinħarġu fuq ismu.

2. F'Ġunju tal-1997 intemmet il-ħatra tal-konvenut u nħatar l-attur floku. B'kitba privata bejniethom tas-16 ta' Ġunju 1997[1] l-attur u l-konvenut ftiehmu illi l-attur jikseb mingħand il-konvenut l-infrastruttura fuq imsemmija sabiex l-attur ikun jista' jkompli jmexxi n-negozju tas-soċjetà. Fost ħwejjeġ oħra l-konvenut intrabat illi l-linji telefoniċi jinqalbu fuq isem l-attur u illi l-konvenut iħallas l-arretrati tal-kontijiet relativi sa dakinhar li jseħħ it-trasferiment. L-attur, min-naħa tiegħu, intrabat li jħallas bħala prezz għat-trasferiment is-somma ta' tletin elf lira ta' Malta (Lm30,000) u li jħallas ukoll sehem mill-*commissions* fuq xogħol mibdi mill-konvenut.

---

[1] *Foll.* 10 *et seqq.* tal-proċess tal-ewwel qorti.

3. Wara dan il-ftehim l-attur beda jmexxi n-negozju u baqa' jmexxih sal-bidu tal-1999. Ġara iżda illi l-konvenut ma ħallasx l-arretrati tal-kontijiet tal-linji tat-*telephone* li kellu jħallas hu. Minħabba f'hekk il-linji nqatgħu u ma nqalbux fuq isem l-attur. L-attur igħid illi minħabba f'dan in-nuqqas tal-konvenut ma setax ikompli jmexxi n-negozju u għalhekk fil-31 ta' Mejju 2002 fetaħ din il-kawża u talab illi l-qorti (i) tiddikjara illi l-konvenut naqas milli jwettaq l-obbligazzjoni tiegħu li jħallas il-kontijiet tal-linji telefoniċi u (ii) tirrexxindi l-kuntratt tas-16 ta' Ġunju 1997 kif igħid u jrid l-art. 117 tal-Kodiċi tal-Kummerċ[2].

4. Il-konvenut ressaq din l-eċċezzjoni (is-sitt waħda) fost oħrajn:

> "... ... ... l-obbligazzjoni illi l-eċċipjenti ma esegwiex tempestivament minħabba l-impossibbiltà imposta fuqu mill-attur, kif fuq inghad, ma kenitx obbligazzjoni prinċipali iżda biss waħda aċċessorja u sekondarja, b'dan illi l-ftehim *de quo* m'ghandux jiġi annullat skond ill-liġi."

5. L-ewwel qorti laqgħet din l-eċċezzjoni u ċaħdet it-talbiet tal-attur għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> "... ... ... [Lil]l-qorti jidhrilha li tenut kont ta' kollox, taqbel mat-teżi tal-konvenut li fis-sustanza l-obbligazzjoni li l-konvenut idawwar il-linji tat-telefon fuq l-attur ma għandhiex titqies bħala waħda essenzjali għall-esekuzzjoni tal-kuntratt. Huwa minnu li jista' jkun, anzi huwa ferm verosimili, li fil-bidu tal-ġestazzjoni [*sic*] tal-attur fin-negozju msemmi huwa kellu xi diffikoltajiet minħabba f'dan in-nuqqas li indubbjament kien hemm. Madankollu l-għan prinċipali tal-ftehim kien li l-attur jieħu t-treġija tan-negozju u jkollu a disposizzjoni tiegħu d-*database* [tal-kuntatti tan-negozju] *... ... ...* Tant dan ma xekklux fin-negozju li baqa' għaddej (*sia pure* bid-diffikoltajiet imsemmija) bl-istess negozju u eventwalment telaq mill-fond fejn kien jaħdem il-konvenut qablu, u kwindi użufruwixxa minn dan il-ftehim. Għalhekk kif sewwa qed jargumenta l-konvenut ma jistax issa li stabbilixxa ruħu fl-istess negozju bis-saħħa inizjali ta' dak il-ftehim issa jitlob it-tħassir tiegħu.
>
> "Illi l-qorti tara li ... ... ... l-obbligazzjoni in kwistjoni hija waħda sekondarja u li ma hemmx proporzjonalità bejn in-nuqqas tal-attur

[2]**117.** Fil-kuntratti kummerċjali, il-kondizzjoni riżoluttiva taċita … … … tħoll il-kuntratt *ipso jure*, u l-qorti ma tistax tagħti żmien lill-konvenut sabiex jiġi meħlus mill-*mora*: … … ...

[*recte*, tal-konvenut] u t-talba attriċi, ossija l-konsegwenza ta' dak in-nuqqas. L-attur seta' sofra danni li seta' talab mingħajr ma jitlob in-nullità tal-kuntratt. L-għan prinċipali tal-ftehim kien fil-fehma tal-qorti kontenut f'artikolu ieħor tal-ftehim, u *cioè* dak li jgħid illi:

> ""The transferor is hereby selling and transferring unto and in favour of the transferor [*recte*, the transferee] who under the same title is acquiring and accepting the general business activity, licence and goodwill pertaining to the business in its entirety."

"Illi dan in-negozju l-attur akkwistah debitament u baqa' jgawdih għal numru ta' snin, u fil-fehma tal-qorti ma jistax, a bażi tal-kawżali illi in-tavola, issa jitlob l-annullament tal-kuntratt. Il-qorti ma tistax ma taqbilx mal-konvenut li l-attur qed jipprova jeludi l-obbligi tiegħu wara li ħa l-benefiċċju mill-kuntratt. Għal din ir-raguni s-sitt eċċezzjoni qed tiġi akkolta, u kwindi l-qorti ma għandhiex għalfejn tidhol fil-mertu tal-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenut."

6. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tat-28 ta' Jannar 2011 u l-konvenut wieġeb fil-15 ta' April 2011. L-aggravju essenzjalment huwa illi l-obbligazzjoni tal-konvenut li jħallas u jittrasferixxi lill-attur il-linji telefoniċi kienet fost l-obbligazzjonijiet ewlenin tiegħu.

7. L-aggravju tal-attur huwa illi ma huwiex minnu illi l-obbligazzjoni relativa għall-ħlas u t-trasferiment tal-linji telefoniċi kienet biss waħda sekondarja, kemm għax kienet ta' "importanza fundamentali u kruċjali" u kemm għax effettivament il-konvenut kull ma kellu x'jittrasferixxi kienu dawk il-linji għax id-*database* tal-kuntatti tan-negozju kienet tas-soċjetà barranija u mhux tiegħu.

8. Il-ftehim bejn il-partijiet *inter alia* jgħid illi:

"The Transferor [il-konvenut] is hereby selling and transferring unto and in favour of the Transferee [l-attur], who under the same title is acquiring and accepting, the general business activity, licence and goodwill pertaining to the Business in its entirety;

"As from the effective date, the Transferee, with his Staff, will commence operations under his direct charge and control from the Premises, having full and effective access to all relative records, documentation, client databases and comprehensive information and any

> and all other properties pertaining to the Business, both past and present, which will in their entirity be passed on by the Transferor to the Transferee;”

9. Għalhekk, għalkemm jista’ jkun minnu dak li jgħid l-attur, illi d-*database* kienet tas-soċjetà u mhux tal-konvenut, u għalhekk l-obbligu ewlieni ma setax kien dak tat-trasferiment tad-*database*, madankollu l-aċċess għal din id-*database* kien f’idejn il-konvenut, u l-attur u s-soċjetà barranija ma kienx ikollhom id-disponibilità tagħha mingħajr il-ko-operazzjoni tal-konvenut. Kienet għalhekk obbligazzjoni ewlenija tal-konvenut illi jagħti “*full and effective access to all relative records, documentation, client databases and comprehensive information and any and all other properties pertaining to the Business*”. Din l-obbligazzjoni l-konvenut wettaqha, tant illi l-attur seta’ jkompli n-negozju għal żmien konsiderevoli, li matulu seta’, kieku ried, jikseb linji telefoniċi ġodda, bi żmien biżżejjed biex igħarraf lill-kuntatti tan-negozju bin-numri l-ġodda, jew inkella jħallas hu l-kontijiet arretrati, u jpaċi s-somma ċerta u likwida li jkun ħallas mas-somma daqstant ċerta u likwida li kellu jagħti lill-konvenut bħala l-prezz tat-trasferiment.

10. Din il-qorti għalhekk taqbel mal-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti illi l-obbligazzjoni tal-ħlas u t-trasferiment tal-linji telefoniċi kienet biss sekondarja u aċċessorja, li n-nuqqas ta’ twettiq tagħha ma fixkilx it-twettiq tal-obbligazzjoni ewlenija, u li għalhekk ma għandux iwassal għat-tħassir tal-kuntratt, aktar u aktar meta l-attur, minkejja n-nuqqas tal-konvenut, seta’ jgawdi, u fil-fatt gawda, l-benefiċċju sħiħ tal-ftehim. Taqbel għalhekk illi l-

eċċezzjoni relativa kellha tintlaqa' u illi ma kienx meħtieġ illi jingħata provvediment fuq l-eċċezzjonijiet l-oħra.

11. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

12. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u tikkundanna lill-attur appellant iħallas l-ispejjeż tal-appell.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------